**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Artikoli 28A, 64(2), 214, 215, 218, 222(1)(a),**
**251B, 339(1)(e), 533 tal-Kapitolu 9;**
**Artikoli 5(1)(3), 27(1), 56, 57 tal-Kapitolu 480**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Kumpilazzjoni Nru: 73/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**SAVIOUR BUTTIGIEG**
**(ID: 495048M)**

**Illum, 10 ta' Frar 2017**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **SAVIOUR BUTTIGIEG** detentur tal-karta tal-identita' Nru. 495048M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. nhar id-09 ta' Frar, 2017, ghall-habta tat-08:15 ta' filghodu gewwa l-lokalita' tar-Rabat, Malta, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta'

haddiehor f'periklu car, permezz ta' arma irregolari, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ta' ibnu Mario Joseph Buttigieg, liema griehi gabu sfregju gravi u permanenti fil-wicc, hekk skond ma iccertifikat Dr. Julian Grima M.D. (Reg. No. 3589) mic-Centru tas-Sahha tar-Rabat, Malta.

2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u anke fil-passat, ikkaguna lil haddiehor u cioe' lil ibnu Mario Joseph Buttigieg biza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 221(1).

3. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzil, ghamel ingurji w hedded bil-vjolenza u bil-mewt lil ibnu Mario Joseph Buttigieg.

4. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess u taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu arma tan-nar minghajr licenzja.

5. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bhala pussessur ta' licenzja taht Artikolu 27(1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, naqas li jhares il-kundizzjonijiet msemmija f'dik il-licenzja.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li tordna l-konfiska tal-arma w kif ukoll tal-munizzjon w kif ukoll tipprojbixxi lill-imputat milli jkollu licenza taht l-Att Dwar l-Armi

ghall-perjodu li jidrilha xieraq il-Qorti, u dan skond l-Artikoli 56 u 57 tal-istess Att Dwar l-Armi (Kap. 480).

Il-Qorti giet ukoll mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Mario Joseph Buttigieg, jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artiklu 412C tal-Kap 9 u f’kaz ta’ htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ l-persuna offiza u l-familja tieghu ai termini tal-Artikli 383, 384, 385, 382A u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom certifikat tat-twelid, fedina penali, PIRS report, rcevuta tal-konfiska, certifikat mediku, dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-parir legali, stqarrija u dettalji tal-arma.

Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll shotgun bis-serial number S5649162, zewg skratac u switch.

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti tant li rregistra ammissjoni.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha waqt is-seduta tal-10 ta’ Frar 2017 u dana fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, setgha jerga’ lura

minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu ghall-akkuzi kollha giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-10 ta' Frar 2017.

Il-Qorti semghet lill-Ufficjal Prosekutur jghid li l-feriti subiti minn Mario Joseph Buttigieg kien jikkonsisti f'ferita f'wicc bin l-imputat konsistenti fi tliet punti fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu.

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 28A, 64(2), 214, 215, 218, 222(1)(a), 251B, 339(1)(e), 533 tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 5(1)(3), 27(1), 56, 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat SAVIOUR BUTTIGIEG hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tliet snin b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan, tikkundannah ihallas multa ta' seba' mitt ewro (€700) liema multa tista' tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50) u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ewwel pagament isir mhux iktar tard mill-20 ta' Frar 2017.**

**Il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti mill-Prosekuzzjoni favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna wkoll illi l-imputat jigi skwalifikat milli jzomm jew jottjeni licenzja sabiex izomm jew igorr arma tan-nar ghal perjodu ta' hames (5) snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti tordna li din is-sentenza tintbghat lill-Kummissarju tal-Pulizija ghal din l-istess fini.**

**Inoltre, il-Qorti tordna ai termini tal-Artikolu 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-imputat ma jimmolestax, ma jingurjax, ma javvicinax u ma jintimidax lil ibnu Mario Joseph Buttigieg ghal perjodu ta' sena mil-lum taht penali ta' erba' mitt ewro (€400) fin-nuqqas.**

**Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta stante li ma jirrizultax li gew nominati xi esperti in konnessjoni mal-kaz odjern.**

**Il-Qorti rat illi l-Prosekuzzjoni ma nsistitx fuq it-talba taghha ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-imputat u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba wkoll.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**